Nru./No. 20,760
Prezz/Price
€1.26

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 31 ta' Diċembru, 2021
Friday, 31st December, 2021

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,663 - 13,669
Government Notices ..... *13,663 - 13,669*

Avviżi lill-Baħħara 13,670
Notices to Mariners *13,670*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 13,670 - 13,673
Employment Opportunities ..... *13,670 - 13,673*

Avviżi tal-Gvern 13,673
Notices *13,673*

Offerti ..... 13,674 - 13,678
Tenders ..... *13,674 - 13,678*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,678 - 13,686
Court Notices ..... *13,678 - 13,686*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1673

ĦATRA TA' MINISTRU

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 80 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, fid-29 ta' Diċembru, 2021, ħatar lil Dott. Clifton Grima, LLB, LLD, MP biex ikun Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport.

Id-29 ta' Diċembru 2021
(COF/500/2020)

Nru. 1674

NOMENKLATURA TA' MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva t-tibdil li ġej fin-nomenklatura tal-Ministru msemmi hawn taħt, b'seħħ mid-29 ta' Diċembru, 2021:

Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja għandu jissejjaħ Ministru għall-Inklużjoni, il-Kwalità tal-Ħajja u l-Volontarjat.

Id-29 ta' Diċembru, 2021
(COF/500/2020)

Nru. 1675

ASSENJAMENT LILL-MINISTRI TA' RESPONSABBILTÀ DWAR XOGĦOL TAL-GVERN TA' MALTA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, assenja responsabbiltà dwar kull xogħol tal-Gvern ta' Malta, magħduda l-amministrazzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern b'effett mid-29 ta' Diċembru, 2021, kif ġej:

Ministeru għall-Inklużjoni, il-Kwalità tal-Ħajja u l-Volontarjat

Inklużjoni
Persuni b'Diżabilità

GOVERNMENT NOTICES

No. 1673

APPOINTMENT OF MINISTER

IN exercise of the powers conferred by Article 80 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has, on the 29th December, 2021, appointed Dr Clifton Grima, LLB, LLD, MP to be Minister for Education and Sport.

29th December 2021

No. 1674

DESIGNATION OF MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved the following change in designation of Ministers, with effect from 29th December, 2021:

Minister for Inclusion and Social Wellbeing to be changed to Minister for Inclusion, Social Wellbeing and Voluntary Organisations.

29th December, 2021

No. 1675

ASSIGNMENT TO MINISTERS OF RESPONSIBILITY FOR THE BUSINESS OF THE GOVERNMENT OF MALTA

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has assigned the following business of the Government of Malta, including the administration of Departments of Government with effect from 29th December, 2021, as follows:

Ministry for Inclusion, Social Wellbeing and Voluntary Organisations

Inclusion
Persons with Disability

Kura għall-Persuni b'Diżabilità	Care for Persons with Disability
Żgħażagħ	Youth
Organizzazzjonijiet mhux Governattivi u l-Volontarjat	Non Governmental and Voluntary Organisations
Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport	**Ministry for Education and Sport**
Ħarsien tat-Tfal u Edukazzjoni Bikrija	Childcare and Early Education
Edukazzjoni Obbligatorja	Compulsory Education
Edukazzjoni Ogħla (tinkludi l-MCAST)	Higher Education (including MCAST)
Edukazzjoni tul il-Ħajja	Life-long Learning
Eżamijiet	Examinations
Sport u Kumplessi Sportivi	Sport and Sport Complexes

Id-29 ta' Diċembru, 2021
(COF/500/2020)

29th December, 2021

Nru. 1676

ATT DWAR IR-REĠISTRU PUBBLIKU

Ħatra ta' Uffiċjal

NGĦARRFU illi Dott. Yanica Barbara Sant, LLD, ħadet u ffirmat kif imiss il-ġurament tal-kariga ta' Uffiċjal fir-Reġistru Pubbliku kif preskritt bl-artikolu 3(4) tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku.

Il-31 ta' Diċembru, 2021

No. 1676

PUBLIC REGISTRY ACT

Appointment of Officer

IT is notified that Dr Yanica Barbara Sant, LLD, has duly taken the oath of office of Officer in the Public Registry as prescribed by article 3(4) of the Public Registry Act.

31st December, 2021

Nru. 1677

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
31.12.2021	€50.925	€0.644

Il-31 ta' Diċembru, 2021

No. 1677

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

31st December, 2021

Nru. 1678

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 1014 tal-20 ta' Awwissu, 2019 u 1017 tat-30 ta' Awwissu, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1678

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 1014 dated 20th August, 2019 and 1017 dated 30th August, 2019, under the title 'Numbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

6. TRIQ IL-WIED

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Wesgħet il-Plejju

Left side entering from Wesgħet il-Plejju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Wesgħet il-Plejju

Right side entering from Wesgħet il-Plejju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Dale View Apts	106A
Bieb bla numru (Dar)	108
Bieb bla numru (Flettijiet)	110

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
106A, Dale View Apts	106A
Bieb bla numru	**108**
Bieb bla numru	**108A**
110, Coral Court	110

Il-31 ta' Diċembru, 2021

31st December, 2021

Nru. 1679

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1177 tat-28 ta' Ottubru, 2016, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1679

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1177 dated 28th October, 2016, under the title 'Numbering of doors at Iż-Żejtun', the following amendments in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

TRIQ TALTAS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Mikiel Cassar

Left side entering from Triq Dun Mikiel Cassar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Mikiel Cassar

Right side entering from Triq Dun Mikiel Cassar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Tiesole	42
Sit bla bini	44
Sit bla bini	46
Sit bla bini	48
Sit bla bini	50
Sit bla bini	52

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Sit bla bini	54
		Sit bla bini	56
		Sit bla bini	58
		Sit bla bini	60
		Sit bla bini	62
		Sit bla bini	64
		Sit bla bini	66
		Sit bla bini	68
		Sit bla bini	70
		Garaxx	72
		Garaxx	74

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		42, Tiesole	42
		Bieb bla numru	**44**
		Garaxx	**46**
		Garaxx	**48**
		Bieb bla numru	**50**
		Bieb bla numru	**52**
		Garaxx	**54**
		Bieb bla numru	**56**
		Garaxx	**58**
		Bieb bla numru	**60**
		Garaxx	**62**
		Garaxx	**64**
		Bieb bla numru	**66**
		74 (Garaxx)	74

* In-numri 68, 70 u 72 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Il-31 ta' Diċembru, 2021

Nru. 1680

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532, tal-10 ta' Lulju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

31st December, 2021

No. 1680

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 532, dated 10th July, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mellieħa', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

43. TRIQ SNAJJIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
St. John	95

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
View Point 1	**97**		
View Point 2	**99**		
View Point 3	**101**		
View Point 4	**103**		
View Point 5	**105**		
Pergola Hotel	**107**		
Parkeġġ	**109**		
Bieb bla numru	**111**		

Il-31 ta' Diċembru, 2021

Nru. 1681

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 708 tat-3 ta' Ottubru, 1997, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi u dan il-prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

31st December, 2021

No. 1681

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 708 dated 3rd October, 1997, under the title 'Renumbering of doors at Marsaskala', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

MARSASKALA

18. TRIQ IL-ĦABBERXA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Salvu Buhagiar
Left side entering from Triq Salvu Buhagiar

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Salvu Buhagiar
Right side entering from Triq Salvu Buhagiar

Emendi - *Amendments*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		White Eagle	14
		Bieb bla numru (Flettijiet)	16
		Garaxx	18
		Arzella	20

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		14, White Eagle	14
		Salvnin	**16**
		Michela	**18**
		2	**20**

Prolungament - *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		2	20

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	**22**
		4	**24**
		Daħla għall-garaxxijiet	**26**

Il-31 ta' Diċembru, 2021

31st December, 2021

Nru. 1682

No. 1682

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 381 tal-24 ta' Mejju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandhom isiru dawn l-emendi u dan il-prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 381 dated 24th May, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻABBAR

9. TRIQ BIEB IS-SULTAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Duminka *Left side entering from Triq Santa Duminka*	In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Duminka *Right side entering from Triq Santa Duminka*

Emendi - *Amendments*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		St. Rita	48
		Sit bla bini	50
		Sit bla bini	52
		Sit bla bini	54
		Sit bla bini	56
		Sit bla bini	58
		Sit bla bini	60
		Garaxx	62
		Garaxx	64
		Plot 14, Marcon	66

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		48, St. Rita	48
		Sit bla bini	50
		Sit bla bini	52

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	**54**
		Green View Court	**56**
		Sit bla bini	58
		Sit bla bini	60
		Garaxx	**62**
		Bonnford	**62A**
		Helio's Court	**62B**
		64 (Garaxx)	64
		66, Marcon	66

Prolungament - *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		94 (Garaxx)	94

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	**96**
		Lavander Flats/Tulip Flats	**98**
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**100**
		Daħla għall-garaxxijiet	**102**
		Garaxx	**104**
		Bieb bla numru	**106**
		Vogel	**108**
		Kiecher, 2 (Garaxx)	**110**
		Kiecher, 1 (Garaxx)	**112**
		Bieb bla numru	**114**
		Springfields	**116**
		Garaxx	**118**
		Anfora	**120**
		Bieb imbarrat	**122**
		Garaxx	**124**
		Djanella	**126**
		Damaxxena	**128**
		Garaxx	**130**
		Garaxx	**132**
		Garaxx	**134**
		Anfield	**136**
		Garaxx	**138**
		Garaxx	**140**
		Volatta Pink Diamond	**142**
		Garaxx	**144**
		Sweet Dreams	**146**
		Papyrus Lodge	**148**

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 207 tal-2021

Emenda għall-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 24 tal-2021 rigward Estensjoni tar-Ro-Ro Ramp bejn Deep Water Quay u Wine Wharf

B'referenza għall-Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri. 24, 60, 129 u 176 tal-2021.

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li minħabba ċirkustanzi mhux previsti x-xogħol mhux se jitlesta fiż-żmien kif ippjanat, għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sal-aħħar ta' Marzu 2022.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 24 tal-2021 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 24 tal-2021 se tibqa' valida.

Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 60, 129 u 176 tal-2021 huma b'dan IKKANĊELLATI.

Chart affettwata: BA 177

Il-31 ta' Diċembru, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 207 of 2021

Amendment to Local Notice to Mariners No. 24 of 2021 regarding Extension of Ro-Ro Ramp between Deep Water Quay and Wine Wharf

Reference is made to Local Notices to Mariners Nos 24, 60, 129 and 176 of 2021.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that due to unfavourable circumstances the work will not be completed within the time as planned. The completion date is therefore being extended to end of March 2022.

Local Notice to Mariners No. 24 of 2021 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 24 of 2021 will remain valid.

Local Notices to Mariners Nos 60, 129 and 176 of 2021 are hereby CANCELLED.

Chart affected: BA 177

31st December, 2021

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-Ingaġġ
Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri
fil-Forzi Armati ta' Malta

1. Il-Forzi Armati ta' Malta jilqgħu applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' eks uffiċjali u suldati tal-Forza Regolari biex iservu bħala riżervisti fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri fil-Forzi Armati ta' Malta.

Din is-sejħa tibqa' miftuħa sa tmiem is-sena 2022.

2. L-applikanti għandhom:

ikunu ċittadini Maltin;

ikunu membri li servew fil-Forza Regolari tal-FAM li l-perjodu bejn id-data li temmew is-servizz u d-data tal-ingaġġ fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri ma jaqbiżx it-3 snin, jew membri tal-Forza Regolari AFM li applikaw biex itemmu s-servizz;

ma jkunux għalqu 56 sena sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni;

ARMED FORCES OF MALTA

Call for Enlistment
Volunteer Reserve Force
in the Armed Forces of Malta

1. The Armed Forces of Malta invites applications for the enlistment of former officers and soldiers of the Regular Force to serve as reservists in the Volunteer Reserve Force of the Armed Forces of Malta.

This call shall be open until the end of the year 2022.

2. Applicants must:

be Maltese citizens;

be former members of the AFM Regular Force whose period between the discharge date and the date of enlistment in the Volunteer Reserve Force does not exceed 3 years, or members of the AFM Regular Force who applied for discharge;

not be older than 56 years of age by date of submission of application;

ikunu ta' karattru morali tajjeb;

ikunu ta' piż aċċettabli pparagunat mat-tul;

ma jkollhomx tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq partijiet oħra tal-ġisem;

ma jkunux membri li jservu fil-Korp tal-Pulizija jew mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jew Gwardjani tal-Ħabs;

3. Proċess ta' Selezzjoni

3.1 Il-Proċess ta' Selezzjoni jitmexxa minn Bord maħtur mill-FAM. Il-Bord jikkunsidra l-impjieg/i preferut/i kif indikat mill-applikanti flimkien mar-rekord militari, kwalifiki u esperjenza rilevanti tal-applikanti mal-eżiġenzi tas-servizz biex jiddeterminaw l-adegwatezza għall-ingaġġ.

3.2 L-applikanti eliġibbli li l-applikazzjoni tagħhom ġiet aċċettata iżda li ma ġewx ingaġġati jitpoġġew fuq lista ta' stennija.

3.3 Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-proċess ta' selezzjoni jew jiġu annullati r-riżultati tagħhom.

3.4 Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess ta' Selezzjoni jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

3.5 L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda finali.

3.6 Ir-riżultat tal-proċess ta' selezzjoni jibqa' validu tul is-sena 2022.

4. Karattru Morali

4.1 L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. l-applikanti jagħtu, fl-applikazjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

4.2 L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-FAM u jħallsu l-pagament dovut sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-FAM mal-applikazzjoni. Applikazzjonijiet mingħjar dan li ġie mitlub ma jitqisux validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

4.4 Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikant li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali mhux aċċettabli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp dixxiplinat.

be of good moral character;

be of acceptable body weight in proportion to height;

not have excessive tattoos, but definitely not on face and neck or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body;

not be a serving member of the Police Force or Civil Protection Department or a Prison Wardens;

3. Selection Process

3.1 The selection process shall be conducted by a Board appointed by the AFM. The Board shall consider the preferred area/s of employment as indicated by the applicants together with the applicants' military record, relevant qualifications and experience in accordance with the exigencies of the service to determine suitability for enlistment.

3.2 Eligible applicants whose application has been accepted but were not enlisted shall be placed on a waiting list.

3.3 Applicants who are found not to fulfil the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the selection process or shall have their results annulled.

3.4 Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

3.5 Applicants will be notified by letter whether they have been selected or not. The decision of the Board will be final.

3.6 The result of the selection process will be valid for the duration of year 2022.

4. Moral Character

4.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

4.2 Applicants are to apply at the General Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the AFM to the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

4.3 Vetting will be in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful applicant who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from any disciplined Force.

5. Eżami Mediku

5.1 L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Applikanti għall-post ta' Uffiċjal Pilota jkollhom jissodisfaw ukoll il-livelli mediċi rekwiżiti tal-avjazzjoni kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-każijiet kollha, il-ġudizzju tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwa medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

5.2 L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati kif xieraq

6. Ingaġġ

6.1. L-applikanti li jintgħażlu jiġu ingaġġati għal perjodu inizjali ta' ingaġġ ta' 3 snin. L-applikanti li jintgħażlu jiġu kkonfermati jew ikkummissjonati fir-rank preċedenti tagħhom fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri u jitneħħew mill-Forza ta' Riżerva Individwali jekk applikabbli.

Il-proviżjonijiet tar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri japplikaw minn hemm 'il quddiem.

6.2 Ir-riżervisti jkunu meħtieġa li jservu minimu ta' 12-il siegħa u massimu ta' 39 siegħa fil-ġimgħa jew aggregat ekwivalenti f'kull xahar. Il-perjodi msemmija qabel jistgħu jiġu estiżi bi ftehim reċiproku.

6.3 Ir-Riżervisti jiġu mħallsa skont ir-rati ta' salarji applikabbli għall-membri Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

6.4 Ir-Riżervisti jistgħu jissejħu f'każijiet ta' periklu nazzjonali jew ta' xi emerġenza kbira. Barra minn hekk, riżervisti jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw u jassistu l-Forza Regolari f'kull missjoni nazzjonali u xogħol ieħor.

6.5 Wara li jintemm is-servizz fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri, is-servizz fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri jgħodd meta jkun ikkalkulat l-obbligu ta' riżerva li jista' jibqa' fil-Forza ta' Riżerva Individwali kif applikabbli. L-uffiċjali li temmew is-servizz fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri jirritornaw fir-Riżerva Regolari ta' Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta jekk applikabbli.

7. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tar-Reklutaġġ tal-FAM, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jew direttament mis-sit elettroniku tal-FAM.

5. Medical Examination

5.1 Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force standards. Further information on the Regular Force standards would be made available upon formal request by applicants. Those applying for the post of Pilot Officer will have to satisfy the aviation medical requirements on both national and international levels. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

5.2 Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

6. Enlistment

6.1 Successful candidates, shall be enlisted on an initial engagement of 3 years. Successful candidates, shall be confirmed or commissioned in their previous rank in the Volunteer Reserve Force and taken off the Individual Reserve Force as applicable.

The relevant provisions of the Appointments and Conditions of Service of the Volunteer Reserve Force Regulations shall apply thereafter.

6.2 Reservists shall be required to serve a minimum of 12 hours and a maximum of 39 hours per week or an equivalent monthly aggregate. The aforementioned periods may be extended upon mutual agreement.

6.3 Reservists, shall be paid the regular rates of pay applicable to the members of the Armed Forces of Malta.

6.4 Reservists shall be liable to be called out in case of national danger or great emergency. Additionally, reservists may be called out in order to participate and assist the Regular Force in any national mission and other tasks.

6.5 Following discharge from the Volunteer Reserve Force, service in the Volunteer Reserve Force shall count when recalculating any remaining reserve liability in the Individual Reserve Force as applicable. Officers discharged from the Volunteer Reserve Force shall return to the Armed Forces of Malta Regular Reserve of Officers as applicable.

7. Submission of Application

7.1 Application forms may be collected from the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, during AFM office hours, or direcly from the AFM website.

7.2 Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom jiġu ppreżentati personalment, fl-Uffiċċju tar-Reklutaġġ tal-FAM, Luqa Barracks, Ħal Luqa, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju tal-FAM sal-aħħar tas-sena 2022.

7.3 L-applikanti għandhom jippreżentaw mal-applikazzjoni:

a. kopja tal-AFM discharge certificate kif applikabbli;

b. irċevuta maħruġa mill-FAM għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni (Fedina Penali – ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati);

c. kopja tas-Service and Record Leave Form (GP47) f'każ ta' ħaddiema fis-Settur Pubbliku.

7.4 Il-karta tal-identità u d-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew mal-applikazzjoni kif ukoll waqt il-proċess ta' selezzjoni.

7.5 L-FAM iżżommu d-dritt li jħassru l-proċess ta' selezzjoni jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-proċess ta' selezzjoni. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess ta' selezzjoni kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-proċess ta' selezzjoni.

Il-31 ta' Diċembru, 2021

7.2 Application forms are to be handed in personally to the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, during AFM office hours until the end of the year 2022.

7.3 Together with the application form, applicants must produce:

a. copy of AFM discharge certificate as applicable;

b. receipt issued by the AFM on application for issue of criminal record (Fedina Penali – conduct sheets are not accepted);

c. copy of the Service and Record Leave Form (GP47) for employees in the Public Service.

7.4 Identity card and original documents are to be invariably produced when submitting the application form and during the selection process.

7.5 The AFM reserve the right to annul the selection process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole selection process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the selection process.

31st December, 2021

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Lista ta' kuntratti mogħtija li jaqbżu l-ammont ta' €5,000 VAT eskluża mill-Kunsill Lokali n-Naxxar għall-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2021 sal-31 ta' Diċembru, 2021, skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku 2016.

Il-31 ta' Diċembru, 2021

NAXXAR LOCAL COUNCIL

List of contracts awarded which exceed the amount of €5,000 excluding VAT by Naxxar Local Council between 1st July, 2021 and 31st December, 2021, in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations 2016

31st December, 2021

Numru ta' Referenza	Isem tal-Kuntratt (kif ippubblikat)	Isem tal-Kuntrattur	Tip ta' Kuntratt (Direct Order/ Kwotazzjoni/ Offerta)	Data tal-Għotja	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża
Reference Number	*Contract Name (as published)*	*Contractor's Name*	*Contract Type (Direct Order/ Quotation/Tender)*	*Award Date*	*Contract Value excl. VAT*
NLC/02/2020	Tender For Civil Works At The Proposed Outdoor Gym	DONIT Ltd	Tender	23/3/2021	€92,708.80
NLC/01/2021	Production of Video (High Quality Docudrama CultureMill for tal-Għaqba Windmill	Mediacoop Ltd	Tender	28/6/2021	€8,389.00

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 10 ta' Jannar, 2022, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/28/2021. Provvista u konsenja ta' stopcock gunmetal square head 63mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 19 ta' Jannar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/152/2021. Xogħlijiet – bażi ta' ftehim għall-eżekuzzjoni ta' minor pipe u xogħlijiet tat-toroq għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma f'Għawdex.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-31 ta' Diċembru, 2021

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 6 ta' Jannar, 2022.

Avviż Nru. 121. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit tale quale biex jintuża biss għal skop ta' ġnien fi Triq il-Kamumilla, Iż-Żejtun, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Monday, 10th January, 2022, for:

Quot No. WSC/Q/28/2021. Supply and delivery of stopcock gunmetal square head 63mm for the Water Services Corporation

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 19th January, 2022, for:

Advt. No. WSC/T/152/2021. Works – framework agreement for the execution of minor pipe and road works for the Water Services Corporation in Gozo.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

31st December, 2021

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 6th January, 2022.

Advt No. 121. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale to be used solely for gardening purposes at Triq il-Kamumilla, Żejtun, as shown edged in red and

'A' fuq il-pjanta P.D.2011_959_A. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. Din il-proprjetà trid tintuża biss għal skop ta' estensjoni ta' front garden u biex jiġi kkreat side curtelage. Fl-eventwalità li dan is-sit jiġi ppjanat għal units residenzjali u/jew kummerċjali, l-emfitewta jkun obbligat iħallas id-differenza għat-titjib fil-valur tas-sit. Dan iċ-ċens se jiġi rivedut wara ħmistax-il (15) sena u irid jiġi mifdi minnufih wara din ir-reviżjoni. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,542 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u ħames mija u erbatax-il ewro (€1,514) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

marked Letter 'A' on the plan P.D. 2011_959_A. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. This property shall be used solely for the purposes of extending the front garden and creating a side curtilage. In the eventuality that the site is planned for development of residential and/or commercial units, the emphyteuta shall be obliged to pay for the enhancement value of the site. This emphyteusis will be revised after fifteen (15) years and must be redeemed immediately thereafter. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,542 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and five hundred and fourteen euro (€1,514) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 122. Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' sit tale quale fi Triq l-Egħrien, Il-Mellieħa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0543. L-offerenti għandhom ikunu liċenzjati li jistgħu irabbu n-naħal fi ħdan il-Veterinary Regulation Directorate. Kopja tad-dokumenti rilevanti jridu jiġu sottomessi mal-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €27,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disat elef ewro (€9,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 122. Lease for a period of fifteen (15) years of a site tale quale at Triq l-Egħrien, Mellieħa, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0543. This site must be used exclusively for the purposes of bee-keeping. The tenderers must be licensed and registered bee keepers within the Veterinary Regulation Directorate. Copy of the relevant documents must be submitted with the tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €27,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine thousand euro (€9,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru, 123. Bejgħ ta' sit tale quale biex jiġi installat taraġ tal-azzar adjaċenti ma' Substation fil-Wesgħa Franġisk Bugeja, Iż-Żurrieq, muri bl-aħmar u bid-dettalji kollha fuq pjanta P.D.2006_977_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u seba' mija u ħamsin ewro (€3,750) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 123. Sale a site tale quale to install a steel staircase adjacent to a Substation at Wesgha Frangisk Bugeja, Housing Estate, Żurrieq, shown edged in red and in full detail on plan P.D.2006_977_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and seven hundred and fifty euro (€3,750) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 124. Kiri għal perjodu ta' ħmistax-il (15)sena ta' kjosk kummerċjali tale quale fi Triq It-Trunċuera, San Pawl il-Baħar, kif muri bl-aħmar u fid-dettall fuq il-pjanta P.D.2007_239_B. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €22,562 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u ħames mija u għoxrin ewro u sebgħin ċenteżmu (€7,520.70) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 124. Lease for a period of fifteen (15) years of a commercial kiosk tale quale at Triq it-Trunciera, San Pawl il-Baħar, as shown in red and in detail on the plan P.D. 2007_239_B. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €22,562 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and five hundred and twenty euro and seventy cents (€7,520.70) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 125. Bejgħ ta' sit tale quale fi Triq Mikiel Farrugia, Ix-Xagħra, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2017_0668. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,960 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' dsatax-il elf u sitt mija ewro (€19,600) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 126. Bejgħ tale quale ta' Store f'Nru. 6, Triq G. M. Borg, Iż-Żurrieq, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0012. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,600 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u għoxrin elf ewro (€26,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Il-31 ta' Diċembru, 2021

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati 'SMARSF-IP CCTV 2021 quotation for the supply and delivery of IP CCTV cameras at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex' jiġu milqugħa sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF-IS 20 21. Provvista u installazzjoni ta' cameras tal-IP CCTV f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-

Advt No. 125. Sale of a site tale quale at Triq Mikiel Farrugia, Xagħra, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D. 2017_0668. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,960 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nineteen thousand and six hundred euro (€19,600) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 126. Sale tale quale of a Store at No. 6, Triq G. M. Borg, Żurrieq, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0012. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,600 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-six thousand euro (€26,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

31st December, 2021

MINISTRY FOR EDUCATION

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers marked 'SMARSF-IP CCTV 2021 quotation for the supply and delivery of IP CCTV cameras at Sir M A Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, will be received by not later than noon of Tuesday, 28th January, 2022, for:

Quot No. SMARSF-IP CCTV 2021. Supply and delivery of IP CCTV cameras at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Gozo

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours – from Monday to Friday between 8.30

8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Il-31 ta' Diċembru, 2021

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

